# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' Mejju 2017**

**Numru 6**

**Citazzjoni numru 91/12 JD**

**John Chilton**

**v.**

**Miriam Chilton**

**Il-Qorti:**

Preliminari

1. Dan huwa appell maghmul mill-attur minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija fid-9 ta' April 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri fl-ismijiet premessi li permezz taghha dik il-Qorti pprovdiet dwar l-azzjoni attrici, billi filwaqt li cahdet l-ewwel

eccezzjoni tal-konvenuta, laqghet it-tieni eccezzjoni taghha u ddikjarat ruhha inkompetenti biex titratta l-kaz odjern u lliberat lill-istess konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez tal-ewwel eccezzjoni a karigu tal-konvenuta filwaqt li l-kumplament tal-ispejjez jkunu a karigu tal-attur.

Is-Sentenza Appellata

2. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi qabel xejn jehtieg li jigu senjalati s-segwenti fatti:
>
> - "John u Miriam Chilton izzewgu fit-2 ta' Settembru 1990 u minn dan iz-zwieg kellhom wild.
>
> - "Huma sseparaw permezz ta' kuntratt tas-27 ta' Gunju 2005 in atti Nutar Dottor Maria Grima.
>
> - "Permezz ta' dan il-kuntratt, fost ohrajn, huma tterminaw u xoljew il-komunjoni tal-akkwisti. Biss pero' f'dan il-kuntratt huma ddikjaraw li jipposjedu fil-kwoti ta' nofs indiviz kull wiehed id-dar bil-garaxx anness bin-numru 54 fi Triq it-Tilliera, Sannat, Ghawdex.
>
> - "Huma ddikjaraw *"illi dan il-fond ghandu jigi segregat f'zewg partijiet, u cioe' parti li tikkomprendi l-garage u l-bitha retrostanti u l-parti l-ohra li tikkomprendi l-kumplament tal-fond fuq imsemmi. L-imsemmi John Chilton ikun jista' jaghmel uzu biss mill-parti li tikkomprendi l-garage u l-bitha restrostanti filwaqt illi l-imsemmija Miriam Chilton flimkien ma' bintha tkun tista' taghmel uzu biss mill-kumplament tal-fond imsemmi. Fl-eventwalita' illi jinqalghu xi ncidenti minhabba dan l-uzu dan il-ftehim jista' jigi modifikat jew varjat minn zmien ghal zmien fuq talba li ssir mill-partijiet flimkien jew separatament lill-Qorti kompetenti".*
>
> - "Permezz tal-kawza odjerna l-attur qieghed jitlob li tigi ordnata d-divizjoni tal-proprjeta' fil-kwoti li l-partijiet ghandhom bejniethom. F'kaz

li jigi dikjarat li din il-proprjeta' mhiex komodament divizibbli l-qorti ghandha tordna l-bejgh taghha bil-licitazzjoni.

- "Fost l-eccezzjonijiet imressqa, il-konvenuta qeghdha tissolleva l-inkompetenza ta' din il-Qorti.

"Din is-sentenza hija limitata ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari. Dawn se jigu trattati flimkien ghaliex in verita' t-tnejn jitrattaw l-kompetenza o meno ta' din il-qorti.

"Illi in tema legali jigi osservat li bhala regola, *"il-kompetenza hija determinata fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni ta' l-eccezzjonijiet moghtija, mit-termini tal-azzjoni attrici. Huwa l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u l-premessi taghhom li jifformaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha tezercita l-gudizzju taghha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha"* [App. **C. Franckie Refalo vs Jason Azzopardi** – 7/10/1997].

"Il-konvenuta eccepiet li din il-kawza kellha tigi prezentata quddiem il-Qorti Sezzjoni Familja. Hawnhekk necessarjament trid issir referenza ghal-Legislazzjoni Sussidjarja 397 tal-2003 kif sussegwentement emendat. Ir-Regolament 4 ta' l-Iskeda annessa jistipula liema huma l-kawzi li ghandhom jigu assenjati lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja):

> " *Lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ghandhom jigu assenjati dawk il-kawzi li jaqghu fil-kompetenza tal-Qorti Civili u li ghandhom x'jaqsmu ma':*
>
> "*(a) it-Titoli I, II u IV ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili;*
> *(b) l-Ordinanza dwar l-Esekuzzjoni ta' Digrieti ta' Manteniment;*
> *(c) l-Att dwar l-Esekuzzjoni Re`iproka ta' Ordnijiet ta' Manteniment;*
> *(d) l-Att dwar iz-Zwieg; u*
> *(e) l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri*".

"Il-konvenuta fl-eccezzjonijiet taghha kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha tinsisti li hawnhekk si tratta tad-dar matrimonjali u ghalhekk dan ifisser li l-attur qieghed jitlob li jkun hemm likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. In sostenn tat-tezi taghha tikkwota l-artikolu 3, artikolu 46 u artikolu 55A tal-Kap 16. Dawn l-artikoli jipprovdu hekk rispettivament:

> "*Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skont il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu għall-htigijiet tal-familja".*
>
> "*Fiz-zmien li tkun miexja l-kawza tal-firda, kull wahda mill-partijiet, sew jekk attrici jew konvenuta, tista' titlaq mid-dar taz-zwieg u tista', sew jekk tkun telqet mid-dar taz-zwieg u sew jekk le, titlob lill-qorti biex tiddeciedi liema wahda mill-partijiet*

*ghandha toqghod fid-dar taz-zwieg sakemm tkun miexja dik il-kawza".*

"*(1) Meta taghti s-sentenza tal-firda, il-qorti ghandha, fuq it-talba ta' xi wahda mill-partijiet, tordna, skont ic-cirkostanzi:*

"*(a) li xi parti minnhom ghandha toqghod fid-dar taz-zwieg, ad eskluzjoni tal-parti l-ohra, u ghal dak il-perjodu u taht dawk il-kondizzjonijiet li l-qorti jidhrilha xierqa; jew*

"*(b) li d-dar taz-zwieg ghandha tinbiegh, fejn tkun sodisfatta illi z-zewg partijiet u uliedhom ser ikollhom akkommodazzjoni ohra xierqa, u li r-rikavat tal-bejgh ghandu jigi assenjat lill-partijiet kif il-qorti jidhrilha xieraq; jew*

"*(c) fejn id-dar taz-zwieg tkun tappartjeni liz-zewg partijiet, li tassenja d-dar taz-zwieg lil xi parti minnhom, liema parti jkollha tikkumpensa lill-parti l-ohra ghat-telf finanzjarju soffert:*

"*Izda f'kull kaz, il-qorti ghandha tqis dan li gej:*

"*(a) l-ahjar interess tal-ulied minuri, inkluz l-impatt li jista' jkun hemm fuq l-ulied minuri jekk tilqa' talba maghmula skont dan l-artikolu;*
*(b) il-gid tal-partijiet u tal-ulied; u*
*(c) jekk il-partijiet ghandhomx, jew jekk bil-mezzi u l-hiliet taghhom jistax ikollhom, post iehor fejn jghixu.*

"*(2) Il-qorti tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet, tibdel decizjoni mehuda minnha skont l-artikolu (1)(a), fejn ikun hemm tibdil sostanzjali fiċ-cirkostanzi.*

"*(3) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 3A(2) ma japplikax fir-rigward ta' mizzewgin li jkunu legalment separati, sakemm il-kuntrarju ma jkunx gie miftiehem mill-mizzewġin jew ordnat mill-qorti li ghandha l-gurisdizzjoni li taghti s-separazzjoni personali; u dak il-ftehim jew ordni ma jkollux sehh kontra terzi hlief mill-waqt li dak il-ftehim jew ordni jkun ġie mnizzel fir-Registru Pubbliku".*

"Kif qal tajjeb l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu dawn l-artikoli m'ghandhomx relevanza ghall-kaz odjern. L-artikolu 3 jirreferi dwar obbligi li l-mizzewgin ghandhom fil-konfront ta' xulxix waqt iz-zwieg. L-artikolu 46 jitratta dwar il-possibilita' li parti fiz-zwieg *pendente lite* titlob li toqghod fid-dar taz-zwieg. L-artikolu 55A jistipula meta wahda mill-partijiet titlob lill-qorti ghandha tordna x'se jigri mid-dar matrimonjali u l-kunsiderazzjonijiet li l-qorti trid taghmel. L-artikolu 55A(2) verament jipprovdi li jista' jkun hemm tibdil dwar min joqghod fid-dar matrimonjali izda dan japplika ghall-bdil ta' decizjoni mehuda mill-qorti. F'dan il-kaz il-partijiet isseparaw konsenswalment.

"M'hemmx dubju li dan il-fond kien jintuza' bhala d-dar taz-zwieg meta l-partijiet kienu ghadhom ighixu flimkien. Kif diga' inghad il-kuntratt ta' separazzjoni gie ffirmat fis-27 ta' Gunju 2005 u minn dakinhar il-komunjoni ta' l-akkwisti giet xolta u likwidata. Kwindi ma jistax jinghad li din id-dar ghadha tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni qeghdha tigi michuda.

"Madankollu x'kien se jigri minn din id-dar mas-separazzjoni gie determinat proprju f'dan il-kuntratt. Il-partijiet qablu li l-post kellu jibqa' komuni fi kwota ta' nofs sehem indiviz kull wiehed u li gie segregat f'zewg  partijiet u kull parti nghatat id-dritt ta' uzu ghall-parti partikolari hekk kif specifikat fl-istess kuntratt.

"Illi fir-regolament 9 tal-Ligi Sussidjarja nsibu li:

"*9. (1) Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4 sa 7 meta persuna tkun trid tipprocedi quddiem il-Qorti fuq is-segwenti -*

"*(a) nuqqas ta' qbil bejn partijiet, sew mizzewgin jew le, dwar il-kustodja, manteniment u access ta' wliedhom; jew*

"*(b) manteniment bejn il-konjugi; jew*

"*(c) bidliet f'kull haga regolata minn sentenza ta' separazzjoni personali jew minn kuntratt ta'separazzjoni personali jew minn digriet jew sentenza ta' divorzju; jew*

"*(d) tibdil fi ftehim dwar kull haga msemmija fil-paragrafu (a), dik il-parti ghandha, fl-ewwel lok, tipprezenta ittra fir-registru tal-Qorti fejn tghid x'inhi t-talba taghha, li jkun fiha d-dettalji elenkati fir-regolament 4(1) u li tkun iffirmata u tigi pprezentata skond ma hemm f'dik id-diposizzjoni.*

"*(2) Il-Qorti ghandha ssejjah lill-partijiet biex jidhru quddiem medjatur, u ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tar -regolament 4(3).*

"*(3) Il-medjatur ghandu jimmedja bejn il-partijiet sabiex iwassalhom ghall- ftehim dwar il-kwistjoni ta' bejniethom u d-disposizzjonijiet tar-regolament 4(6) u (7) ghandhom japplikaw ghall-process ta' medjazzjoni.*

"*(4) Meta l-partijiet jaslu ghall-ftehim, dan ghandu jigi registrat bil-miktub u jigi nserit fl-atti tal-proceduri, li mbaghad ghandhom jintbaghtu mill-medjatur lill-Qorti, li ghandha kemm-il darba ma jkun hemm xejn kuntrarju ghall-ordni pubbliku, taghti digriet fuq il-kwistjoni.*

"*(5) Meta l-partijiet ma jaslux ghall-ftehim, il-medjatur ghandu jinforma lill-Qorti b'dan.*

"*(6) Matul il-medjazzjoni kull wahda mill-partijiet tista' titlob lill-Qorti ghall-hrug ta' kull ordni provvizorju jew il-hrug ta' kull att jew mandat sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu jew taghha.*

"Illi mbaghad ir-regolament numru ghaxra jipprovdi:

*"10. (1) Kif il-medjatur jinforma lill-Qorti li l-partijiet ma waslux ghall-ftehim wara l-process tal-medjazzjoni taht ir-regolament precedenti, hija ghandha tawtorizza lill-partijiet jibdew il-proceduri fi zmien xahrejn jew dak il-perjodu itwal li jista' jigi moghti ghal raguni gravi".*

"Ghalkemm l-attur ma talabx b'mod specifku tibdil fi klawsola tal-istess kuntratt ta' separazzjoni madankollu fis-sustanza dan huwa dak li qieghed jitlob. Huwa jrid li dak li ftehmu l-partijiet dwar dan il-fond fil-kuntratt ta' separazzjoni ma jibqax vigenti u ghalhekk jew jigi diviz jew jekk mhux kommodament divizibbli jinbiegh b'licitazzjoni. Kwindi hawn si tratta ta' kaz fejn qieghed jintalab tibdil fi kwistjoni regolata mill-kuntratt ta' separazzjoni. Din mhix kawza fejn parti qeghdha tfittex lill-parti l-ohra ghaliex ma kinitx qeghdha tonora xi obbligazzjoni minnha assunta bhal per ezempju meta parti ghandha thallas nofs spejjez edukattivi u dan ma taghmlux.

"Hekk per ezempju, fil-kawza **Anne Marie Galea Naudi vs Juan Carlos Galea Naudi**[1] fejn il-Qorti Civili kellha quddiemha talba minn wiehed mill-konjugi ghal rimbors ta' spejjez edukattivi skond kuntratt ta' separazzjoni. Il-Qorti qalet hekk:

"Oggettivament, it-talba attrici ma tintroducix fil-process ebda tema li ghandha kollegament ma' xi kwestjoni ta' separazzjoni li ghadha in corso, bhal ma hekk kien il-kaz deciz minn din il-Qorti fid-9 ta' Frar, 2005 in re**: "Agostino Farrugia -vs- Salvina Farrugia",** u fejn allura l-Qorti ddeterminat, in bazi ghac-cirkostanzi specjali ta' dak l-istess kaz, illi kien aktar adattat illi l-materja tkun skrutinata u deciza mill-Qorti tal-Familja. Hawnhekk ghandna sitwazzjoni fejn is-separazzjoni, konsenswalment maqbula, kienet gja definita u dak li kien qed jintalab bl-azzjoni ntentata kien biss u sempliciment l-ottemperanza ta' l-obbligu kontrattwali assunt mill-konvenut tal-hlas ta' nofs l-ispiza inkorsa. **Fil-prattika jigri dejjem, sija fil-presenza ta' gudikat jew ta' kuntratt ta' separazzjoni, illi parti tfittex lill-parti l-ohra biex din tonora l-obbligazzjonijiet, imposti jew assunti. Ghal dan, il-parti ma tmurx quddiem il-Qorti tal-Familja, ammenokke non si tratta minn domanda ghall-varjazzjoni jew kancellament ta' dawk l-istess obbligazzjonijiet,** izda quddiem il-foro idoneju skond il-materja jew il-valur tat-talba. Hu proprju dan li fil-konkret jaghmel il-kollegament max-xelta tal-foro kompetenti. Fil-kaz prezenti l-foro esklussiv kien it-Tribunal u mhux xi Qorti ohra. **[sottolinear ta' din il-qorti].**

"Fil-kaz odjern ghandna klawsola fejn il-partijiet ftehmu kif kienu se jibqghu jaghmlu uzu minn dik li kienet id-dar taz-zwieg. Permezz tal-kawza odjerna l-attur bit-talba tieghu, jekk tintlaqa', jew se jitnaqqas l-uzu li l-konvenuta ghandha fuq il-fond jew addirittura jitnehha kompletament.

---

[1] Appell Civili moghti fit-3 ta' Ottubru 2008 per Imhallef Philip Sciberras

> "L-attur isostni li din l-eccezzjoni ma tqajjmitx mill-konvenuta fir-risposta guramentata. Apparti l-fatt li l-konvenuta fit-tieni eccezzjoni taghha tghid li b'dawn it-talbiet se jintlaqat l-uzu li hija ghandha permezz ta' l-istess kuntratt. Fi kwalunkwe kaz, il-qorti tfakkar lill-attur li kwistjoni ta' kompetenza hija ta' ordni pubbliku u tista' anki titqajjem mill-qorti *ex officio.*
>
> "Ghaldaqstant din il-kawza kellha tigi prezentata quddiem il-Qorti Civili, Sezzjoni Familja.
>
> "Illi l-attur irrefera ghal zewg sentenzi[2] fejn filwaqt li l-qorti laqghet l-eccezzjoni ta' inkompetenza baghtet l-atti lir-Registratur biex jassenja l-kawza lis-sezzjoni kompetenti. Fil-kazijiet kienet il-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja li baghtet l-atti. Tajjeb ukoll li jigi rilevat li l-kazijiet ikkwotati kienu jirrigwardaw kawzi li kienu qeghdin isiru sabiex klawsola tal-kuntratt tigi dikjarata nulla minhabba li kien hemm xi vizzju tal-kunsens u ghalhekk kienu qeghdin isiru abbazi tal-artikoli li jirregolaw il-kuntratti.
>
> "Id-diffikulta' li tinsab rinfaccjata biha din il-qorti hija li a tenur tar-Regolament 9 fuq citat il-proceduri ghall-tibdil bhal dawn iridu jinbdew permezz ta' ittra lir-Registratur u l-qorti ghandha ssejjah lill-partijiet ghall- medjazzjoni. F'kaz li l-medjazzjoni ma tirnexxix il-qorti trid tawtorizza lill-parti biex tipprocedi ghall-kawza. Dan huwa rekwizit mandatorju u kif ukoll ta' ordni pubbliku u kwindi l-qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tilqa' t-tieni eccezzjoni ta' inkompetenza".

<u>L-Appell</u>

3. B'rikors tal-appellipprezentat fis-26 ta' April 2013, l-attur appella mid-decizjoni tal-ewwel Qorti u ressaq zewg aggravji li jistghu jigu sintetizzati hekk: [1] li mhux minnu li dak li talab l-attur f'din il-kawza huwa tibdil fi klawsola tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet u, [2] li l-ewwel Qorti ma kellhiex tikkonkludi illi jekk it-talba tal-attur tintlaqa', ser jitnaqqas jew adirittura jitnehha kompletament l-uzu li l-konvenuta ghandha ta' parti mill-fond.

---

[2] **WQ vs VQ** deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fid-29 ta' Marzu 2012; u **John Mary Farrugia vs Joanne Farrugia** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Marzu 2011

4. Ghalhekk, l-attur qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu laqghet it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta u ddikjarat ruhha inkompetenti biex titratta l-kaz odjern filwaqt li lliberat lill-konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju u minflok tichad it-tieni eccezzjoni u tirrinvija l-atti ta' dan il-kaz lill-ewwel Qorti sabiex jitkompla s-smigh ta' din il-kawza quddiemha. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta.

5. Da parti taghha l-konvenuta wiegbet b'risposta tal-appell datata 20 ta' Mejju 2013, u ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, qed titlob lil din il-Qorti sabiex tichad l-appell odjern u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta.

L-Aggravji

6. Fl-ewwel aggravju tieghu l-attur jilmenta mill-fatt illi l-ewwel Qorti sostniet li dak li qed jigi mitlub minnu f'din il-kawza huwa tibdil fi klawsola tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet. Jghid li din hija konkluzjoni zbaljata ghaliex dak li qed jitlob huwa semplicement rimedju li taghtih il-ligi abbazi tal-Artikolu 496 Kodici Civili, jigifieri dikjarazzjoni biex proprjetà li ilha komuni ghal izjed minn hames snin tigi diviza. Dan hu rimedju li hu kellu dritt jirrikorri ghalih irrispettivament minn dak li

jghid il-kuntratt ta' separazzjoni ghax il-mertu tal-kaz huwa bbazat unikament fuq dan l-artikolu li jinsab fit-Titolu V tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Civili li jipprovdi dwar il-"Komunjoni tal-Beni", u li ma jaqax fil-kompetenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja). Isostni li l-mertu tal-kaz odjern la jitratta l-kwistjoni tas-separazzjoni tal-partijiet u lanqas varjazzjoni fl-istess kuntratt, izda semplicement dritt tieghu li jitlob li ma jibqax fi stat ta' komunjoni mal-konvenuta.

7. Fit-tieni aggravju tieghu, l-attur ihossu aggravat mill-fehma espressa mill-ewwel Qorti li jekk it-talbiet tieghu jintlaqghu ser jitnaqqas jew adirittura jitnehha kompletament l-uzu tal-konvenuta ta' parti tal-fond. Jissottometti li, fl-istadju li kienet fih il-kawza, ma kienet ghadha ngabet ebda prova dwar dan. Kien jinkombi fuq il-konvenuta li tressaq prova li l-uzu moghti lilha kien ser jigi mnaqqas jew imnehhi jekk tintlaqa' t-talba tieghu. Izda dan ma ghamlitux u ghalhekk l-ewwel Qorti ingustament waslet ghall-konkluzjoni li jekk jintlaqghu t-talbiet attrici, l-uzu kien ser jieqaf jew jigi mnaqqas. Ghalhekk dik il-Qorti marret oltre l-poteri taghha meta ddecidiet kif iddecidiet.

8. Il-konvenuta tilqa' ghall-appell tal-attur billi tissottometti illi l-aggravji huma ppernjati fuq premessi zbaljati li diga` gew dettaljatament studjati u trattati quddiem l-ewwel Qorti. Tghid, li l-attur ghazel illi jinjora ghal kollox dak li jghid l-Avviz Legali 397 tas-sena 2003 fejn fl-Artikolu 4

tal-iskeda annessa jipprovdi illi l-kawzi li jaqghu fil-kompetenza tal-Qorti Civili u li ghandhom x'jaqsmu ma' materji regolati bit-Titoli I, II u IV tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili ghandhom jaqghu fil-kompetenza tal-Qorti tal-Familja. Huma l-Artikoli 3, 6, u 55A l-artikoli rilevanti fil-ligi li jirrigwardaw id-dar matrimonjali u, konsegwentement, kwistjonijiet li jirregolaw id-dar matrimonjali u tibdil f'kuntratti ta' separazzjoni bhal ma huwa l-kaz *de quo* ghandhom jigu decizi mill-Qorti tal-Familja.

9. Il-konvenuta taghmel ukoll referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri **Agostino Farrugia v. Salvina Farrugia**,[3] li kien appell minn decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar dwar kwistjoni ta' hlas ta' manteniment, fejn il-Qorti kkonsidrat li "*minhabba n-natura tal-materja involuta u tal-procediment tas-separazzjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ma kienx il-forum kompetenti li jiehu konjizzjoni tat-talba avvanzata mill-attur*".

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

10. Din il-Qorti ser tikkonsidra dawn iz-zewg aggravji flimkien peress li l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti japplikaw ghaz-zewg aggravji.

11. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li, kif stipulat fis-subinciz 7 tal-Artikolu 55 tal-Kodici Civili, il-Qorti li tippronunzja s-separazzjoni

[3] App.C 9 Frar 2005

personali bejn il-partijiet, tista' "*tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jghaddi dak iz-zmien wara li tispicca l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabilixxi*"*.* Ghalhekk, il-ligi tikkontempla l-kaz fejn assi tal-komunjoni jibqghu mizmuma mill-partijiet in komunjoni minkejja li jkun gie dikjarat ix-xoljiment tal-komunjoni.

12. Fil-kaz prezenti l-partijiet ftehmu fil-kuntratt ta' separazzjoni li l-fond li kien iservi bhala d-dar matrimonjali taghhom jibqa' mizmum minnhom in komuni ghalkemm soggett ghall-uzu li kull parti ghandha fuq parti identifikata minnhom tal-istess fond. B'dan il-ftehim il-partijiet irregolaw dak li ghandu jsir mill-fond li matul il-konvivenza kien serva bhala d-dar matrimonjali taghhom, u ghalhekk japplika l-principju generali *pacta sunt servanda*. Izda, b'eccezzjoni ghal dan il-principju, il-ligi permezz tal-Avviz Legali 397/2003 taghti lill-parti f'kuntratt ta' separazzjoni l-fakoltà li titlob varjazzjoni ta' dak mifthiem fil-kuntratt, basta tigi segwita l-procedura kontemplata fir-regolament numru 9 [1][c] tal-imsemmi Avviz li jiddisponi kjarament li "*bidliet f'kull haga*[4] *regolata minn sentenza ta' separazzjoni personali jew minn kuntratt ta' separazzjoni personali…..*" jistghu jsiru biss skont il-procedura preskritta fil-paragrafu [d] tal-istess artikolu, jigifieri li tigi segwita l-procedura tal-medjazzjoni.

[4] Sottolinear tal-Qorti

13. Fil-kaz odjern, il-Qorti tosserva li t-tezi tal-attur appellant li permezz tal-proceduri odjerni mhux qed tintalab varjazzjoni tal-kuntratt, tfalli ghax tinjora l-fatt li l-ftehim bejn il-partjiet ma kienx biss dwar l-uzu li l-attur u l-konvenuta ftehmu li jaghmlu minn partijiet specifici tal-fond, izda l-ftehim kien ukoll jikkomprendi li l-fond jibqa' jinzamm indiviz bejniethom. Il-kuntratt testwalment jghid "*Il-partijiet jiddikjaraw illi dan il-fond ghandu jibqa' indiviz bejniethom*".[5] Huma komplew isahhu din il-parti tal-ftehim billi fl-istess paragrafu jghidu li "*Kwalunkwe tibdiliet strutturali fil-fond fuq imsemmi ghandhom isiru biss bil-kunsens taz-zewg partijiet*".

14. Ghalhekk fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fattwali u legali fuq esposti, dak li qed jitlob l-attur f'dawn il-proceduri, jigifieri li l-fond ma jibqax jinzamm indiviz bejniethom billi ssir id-divizjoni jew il-licitazzjoni tieghu, mhu xejn ghajr talba ghall-varjazzjoni ta' dak miftiehem minnhom permezz tal-kuntratt tas-separazzjoni, li hi regolata bl-Avviz Legali fuq imsemmi u li taqa' fil-kompetenza tal-Qorti Civili [Sezzjoni Familja]. Barra minn hekk, kif korrettement osservat u ddecidiet l-ewwel Qorti, ladarba ma saritx il-procedura tal-medjazzjoni kontemplata fir-regolament 9 fuq citat dik il-Qorti ma kellhiex xelta ohra hlief li tillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju.

15. Ghaldaqstant l-aggravji huma infondati u qed jigu respinti.

[5] Fol.8

Decide

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi billi tichad l-appell; l-ispejjez relatati mal-ewwel istanza ghandhom jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk tal-appell ikunu kollha a kariku tal-attur

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb